Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Avviz Numru. 146/2004

**Registratur tal-Qrati**

**vs**

**Marvic Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ghad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tat-Titolu XV11 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ihallas il-penali indikati fl-istess Titolu meta nhar il-25 ta' Settembru tas-sena 2003, il-konvenut irrifjuta illi jaccetta kopja ta' ittra ufficcjali mahruga minn untours

Insurance4 Agents Limited skond kif jidher mir-rapport tal-Purtier George Bezzina, (Dok A), u dan b'ordni tal-Qorti moghti nhar l-20 ta' Jannar tas-sena 2004, (Dok B), biex jinbdew proceduri kontra l-konvenut, li minnissa huwa ingunt in subizzjoni;
3. Illi l-konvenut ghandu jhallas ukoll l-ispejjez kollha ta' din l-istanza:

Rat il-verbal datat l-20 t'April tas-sena 2004 li permezz tieghu l-konvenut informa lill-qorti li kien qed joggezzjona ghat-talbiet attrici u talab li jinghata l-opportunita' jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet;

Rat id-digriet taghha ta' l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti fejn laqghet it-talba u kkoncediet ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut biex jintavola l-eccezzjonijiet tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament tirrileva s-segwenti:

1. Illi l-perjodu koncess lill-konvenut biex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ghadda inutilment;
2. Illi ghalhekk il-konvenut, ghalkemm fl-udjenza ta' l-20 t'April tas-sena 2004 informa lill-qorti li kien qed jikkontesta t-talbiet attrici, xorta wahda baqa' kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti prodotti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta' ittra ufficcjali datata l-10 ta' Settembru tas-sena 2003, is-socjeta' Untours Insurance

Agents Limited nomine ivvantat gudizzjarjament il-pretensjoni taghha fil-konfront taz-zewg intimati indikati fl-istess dokument, (ara fol 12 u 33);

2. Illi din l-ittra ufficcjali jirrizulta li giet mahruga darbtejn fil-konfront tal-konvenut fejn fl-ewwel okkazjoni datata jirrizulta li “ma fetah hadd” u sussegwentement jirrizulta li giet “refused” mill-istess konvenut, (ara fol 13 u 34);

3. Illi ghaldaqstant is-socjeta’ mittenti hassitha aggravata b’tali atitudini u gie intavolat affidavit mir-rapprezentant legali taghha fejn talab li jigu istitwiti proceduri ghad-disprezz kommess mill-konvenut f’dan ir-rigward, (ara fol 20 u 22);

4. Illi r-rifjut meritu ta’ din il-procedura gie debitament ikkonfermat mill-pustiera ikkoncernata u ghalhekk jirrizulta li kien l-istess konvenut personalment li rrifjuta l-att gudizzjarju in dizamina;

5. Illi hadet ukoll konjizzjoni tad-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat l-20 ta’ Jannar tas-sena 2004, li permezz tieghu inghata bidu ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenut ircieva l-att gudizzjarju in dizamina lilu indirizzat u rrifjutah personalment;

Illi del resto, din l-atitudini dispreggjattiva baqghet tigi murija anke lil din il-qorti odjerna nonostante l-fatt li tat l-opportunita’ lill-istess konvenut personalment li jressaq il-kaz tieghu quddiemha;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li l-konvenut marvic Micallef huwa hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-qorti billi rrifjuta l-att gudizzjarju meritu ta’ din il-procedura datat l-10 ta’ Settembru tas-sena 2003;
2. Rat l-artikolu 997 tal-kap 12 u tikkundanna lill-konvenut Marvic Micallef ghall-piena ta’ multa fl-ammont ta’ tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bl-ispejjez ta’ din il-procedura;
3. Rat ukoll l-artikolu 14 tal-Kap 9 u tordna li l-multa hekk inflitta tithallas fi zmien hmistax –il gurnata mil-lum, u fin-nuqqas hi konvertita fi prigunerija ghall-perjodu ta’ xahar mil-lum u dan, biex il-konvenut jinghata zmien adegwat biex jigbor is-somma hekk inflitta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------